2024/3094

10.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3094

tas-27 ta' Novembru 2024

li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ċertu apparati selettivi biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku previsti fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241, il-Parti B, il-punt 1.3.1.1 jipprevedi ċertu apparati selettivi mwaħħla mal-irkaptu tas-sajd, biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw Baltiku waqt is-sajd għall-pixxiċatt fis-subdiviżjonijiet 22-26 tal-ICES.

(2) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi ta' dawk l-apparati.

(3) Dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jikkonċernaw b'mod partikolari l-użu ta' apparat selettiv "Roofless", manka T90 modifikata (b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 125 mm u rinfurzar taċ-ċmus bi ħbula tat-tqassir tal-manka) u manka b'malja kwadra (magħmula minn żewġ pannelli u daqs minimu tal-malja ta' mill-inqas 125 mm).

(4) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF – Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) ikkonkluda ([2]) li dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma dettaljati u suffiċjenti għall-finijiet ta' implimentazzjoni.

(5) L-STECF evalwa wkoll għadd ta' speċifikazzjonijiet addizzjonali ssuġġeriti mill-Istati Membri matul il-laqgħa tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura f'Settembru 2022. Dawn jikkonċernaw verżjoni ġdida tad-deskrizzjoni teknika tal-irkaptu. L-STECF ikkonkluda ([3]) li l-ispeċifikazzjonijiet proposti huma aktar ċari u sempliċi u ma jnaqqsux il-funzjonalità u s-selettività tal-apparati.

(6) Jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien lis-sidien tal-bastimenti biex jgħammru l-bastimenti tagħhom bl-apparati selettivi l-ġodda.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.
([2]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/14840948/STECF+PLEN+21-03.pdf/0909ec89-4bf6-4eeb-bb94-e2cf5a19bc92.
([3]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/43440856/STECF+PLEN+22-03.pdf/d0acb3d4-6b6a-4067-9d08-0b6004660e25.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-apparati ta' selettività msemmija fil-Parti B, il-punt 1.3.1.1, tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 għandhom ikunu kif previsti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-9 ta' April 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

I. **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "xibka bla għoqiedi" tfisser xibka magħmula minn malji b'erba' naħat li jkollhom il-kantunieri tal-malji ffurmati bin-nisġa tal-ispag ta' żewġ naħat maġenb xulxin tal-malja;

(2) "xibka li tippermetti s-selettività modulari (NEMOS – net enabling modular selectivity)" tfisser sezzjoni tax-xibka b'erba' pannelli mmuntata bejn l-aħħar sezzjoni konika tax-xibka tat-tkarkir u l-manka, iddisinjata biex tippermetti l-immuntar ta' apparati selettivi fiha.

II. **Speċifikazzjonijiet tekniċi tal-manka b'malja kwadra (ID tal-Irkaptu: SMC_125)**

1. Il-manka għandha tkun magħmula minn żewġ pannelli b'malji kwadri tal-istess dimensjonijiet, magħqudin flimkien permezz ta' ċmusa waħda fuq kull naħa tal-istess tul.

2. L-għadd ta' vireg liberi, esklużi dawk fiċ-ċmusi, fi kwalunkwe ċirkonferenza għandu jkun kostanti mill-parti ta' quddiem tal-estensjoni sal-aħħar parti tal-manka.

3. Id-daqs tal-malja minimu tal-malji kwadri għandu jkun ta' 125 mm. Ix-xibka għandha tkun immuntata b'tali mod li l-vireg ikunu paralleli u perpendikolari mat-tul tal-manka.

4. Ix-xibka b'malja kwadra għandha tkun ħajt singlu mmaljat mingħajr għoqiedi bi ħxuna tal-ispag mill-inqas 5 mm, jew xbieki bi proprjetajiet selettivi ppruvati simili.

5. L-għadd massimu ta' vireg liberi fiċ-ċirkonferenza tal-manka għandu jkun ta' 50.


6. It-tul tas-sezzjoni tal-malja kwadra għandu jkun mill-inqas 5,5 m.

7. It-tarf ta' quddiem tal-manka b'malja kwadra għandu jkun imqabbad max-xibka maqrut tax-xibka tat-tkarkir bi proporzjon ta' kwadru wieħed (malja kwadra) għal żewġ għoqiedi (malja maqrut).

8. Sabiex jiġu ffaċilitati l-installazzjoni u t-tħaddim tas-siegla tal-għeluq, għandha tiddaħħal sezzjoni ta' malji maqrut fit-tarf ta' wara tal-manka b'malji kwadri bi proporzjon ta' żewġ għoqiedi (malja maqrut) għal kwadru wieħed (malja kwadra). Il-malji kwadri għandhom jispiċċaw mhux aktar minn erba' malji mill-manka, inkluża r-ringiela mmaljata bl-idejn, tal-malji li minnha tgħaddi s-siegla tal-għeluq. Id-daqs minimu tal-malja tal-malji maqrut għandu jkun ta' 105 mm ta' ħajt tal-polietilen bi ħxuna tal-ispag ta' barma waħda ta' mhux aktar minn 6 mm jew bi ħxuna tal-ispag ta' barma doppja ta' mhux aktar minn 4 mm.

9. Eżempju tal-manka b'malja kwadra li tikkonforma mar-rekwiżiti legali huwa muri fl-Illustrazzjoni 1.

Illustrazzjoni 1



III. **Speċifikazzjonijiet tekniċi tal-manka T90 modifikata (ID tal-Irkaptu: T90_125_2P_LR)**

1. Id-daqs tal-malji tal-manka għandu jkun mill-inqas 125 mm.

2. Il-materjal tal-ħajt għandu jkun ta' ħajt tal-polietilen bi ħxuna tal-ispag ta' barma waħda ta' mhux aktar minn 6 mm jew bi ħxuna tal-ispag ta' barma doppja ta' mhux aktar minn 4 mm.

3. It-tul tal-manka għandu jkun definit mit-tul imġebbed tal-ħabel tat-tqassir tal-manka mwaħħal ma' kull ċmusa tal-manka. It-tul tal-ħabel tat-tqassir tal-manka għandu jkun mill-inqas 6 m.

4. Il-ħbula tat-tqassir tal-manka għandhom ikunu magħmula minn PP Danline b'dijametru mill-inqas 18 mm.


5. It-twaħħil tal-ħbula tat-tqassir tal-manka maċ-ċmusa għandu jkun uniformi u bi proporzjon ta' 10 malji tal-manka għal kull 90 cm ħabel.

6. Il-manka T90 għandha tkun konnessa ma' biċċa ta' estensjoni T90 magħmula mill-istess xibka, kif deskritta għall-manka, jew ma' sezzjoni ta' xibka selettiva tax-xibka tat-tkarkir.

7. L-għadd ta' malji fi kwalunkwe ċirkonferenza fil-manka *sensu strictu* u fil-biċċa ta' estensjoni, bl-esklużjoni tal-partijiet imwaħħla u ċ-ċmusi ma għandux ikun aktar minn 50 malja tonda

8. Eżempju tal-Manka T90 modifikata huwa muri fl-Illustrazzjoni 2.

Illustrazzjoni 2



IV. **Speċifikazzjonijiet tekniċi ta' NEMOS (net enabling modular selectivity) u ROOFLESS (ID tal-Irkaptu: NEMOS + RL175)**

(a) NEMOS

1. L-apparat NEMOS għandu jkunu magħmul minn erba' pannelli ta' wisa' ugwali u tul minimu ta' 4,5 metri.

2. L-erba' pannelli tan-NEMOS għandhom ikunu magħmula minn xibka tradizzjonali b'malja maqrut, u l-istess daqs nominali tal-malja (imġebbed) tal-manka li magħha għandhom jitwaħħlu (indipendentement mit-tip ta' manka).

3. L-għadd ta' malji liberi (esklużi l-malji fiċ-ċmusi) fid-dimensjoni tal-wisa' ta' kull pannell tal-apparat NEMOS għandu jkun 25 % tal-għadd ta' malji liberi fiċ-ċirkonferenza tal-manka b'malja maqrut li magħha jkun imwaħħal, jew 50 % tal-għadd ta' malji liberi fiċ-ċirkonferenza fil-każ ta' manka b'malji kwadri jew manka T90.

4. Meta jitwaħħal ma' xibka tat-tkarkir ta' żewġ pannelli, għandu jkun possibbli li t-tarf ta' quddiem tal-apparat NEMOS jitqabbad mal-korp tax-xibka tat-tkarkir permezz ta' adapter b'minn tnejn sa erba' pannelli magħmul mill-istess materjal tax-xibka, u mill-inqas nofs it-tul tan-NEMOS.

5. Meta jitwaħħal ma' manka ta' żewġ pannelli, it-tarf ta' wara tal-apparat NEMOS għandu jitqabbad mal-manka permezz tal-adapter deskritt fil-punt 4, iżda f'dispożizzjoni inversa.

6. Sabiex tiġi żgurata sezzjoni trasversali stabbli tan-NEMOS, in-NEMOS jista' jiġi armat b'mod fakultattiv b'elementi addizzjonali, pereżempju sufruni u piżijiet.

(b) ROOFLESS

1. Il-fetħa għall-ħrib għandha tkun sezzjoni rettangolari bit-truf dritti.

2. Il-fetħa għall-ħrib għandha tkun twila mill-inqas 175 cm. Il-wisa' tal-fetħa għandha tkun daqs il-wisa' tal-pannell ta' fuq tan-NEMOS, esklużi l-malji fiċ-ċmusi.

3. It-tarf ta' quddiem tal-fetħa għall-ħrib għandu jitqiegħed f'25 % (+/- żewġ malji) tat-tul totali tal-pannell ta' fuq, u jintemm mhux inqas minn żewġ malji mit-tarf ta' wara tal-pannell.

(c) SPEĊIFIKAZZJONIJIET OĦRA NEMOS U ROOFLESS


1. Il-pannell ta' fuq direttament quddiem il-fetħa għall-ħrib għandu jittella' b'żewġ sufruni mmuntati f'linja waħda wara l-oħra. Id-dijametru tas-sufruni għandu jkun tal-inqas 200 mm.

2. Jekk jiġu applikati, is-sufruni u l-piżijiet għandhom jitwaħħlu f'linji maċ-ċmus t'isfel u ta' fuq, rispettivament. Is-segment tan-NEMOS fejn għandu jiġi stabbilit ir-ROOFLESS għandu jinżamm ħieles minn sufruni u piżijiet. Is-sufruni u l-piżijiet għandhom jintużaw f'pari għall-bord il-lemin u għall-bord ix-xellug. Kull linja ta' sufruni mwaħħla maċ-ċmusa ta' fuq għandha tkun akkoppjata b'linja ta' piżijiet fiċ-ċmusa t'isfel. Sabiex tiġi evitata ġibda wisq vertikali tan-NEMOS (u b'ħekk inqas ħrib tal-bakkaljaw), il-linji tal-piżijiet ma għandhomx jaqbżu l-kapaċità negattiva ta' żamma f'wiċċ l-ilma ugwali għal 4 kg/m, filwaqt li l-linji ta' sufruni għandhom jikkonsistu f'massimu ta' sitt unitajiet, kull waħda b'dijametru massimu ta' 120 mm.

3. It-tarf tal-pannell tax-xibka wara l-fetħa għall-ħrib għandu jiġi stabbilizzat b'virga riġida mqabbda max-xibka bi proporzjon tax-xibka mdendla bejn 0,3 u 0,4. Għandha titwaħħal virga riġida addizzjonali tal-istess karatteristiċi u tul mal-pannell ta' isfel direttament taħt il-virga riġida fil-pannell ta' fuq.


4. In-NEMOS u ROOFLESS huma illustrati fl-Illustrazzjonijiet 3 u 4.

Illustrazzjoni 3



Dettall tal-kostruzzjoni u dehra iżometrika ta' NEMOS + ROOFLESS żviluppati bħala apparat għat-tnaqqis tal-qabdiet inċidentali ta' bakkaljaw għas-sajd tal-pixxiċatt.

Illustrazzjoni 4



Disinn tekniku skematiku (minn fuq u mill-ġenb) ta' NEMOS+ROOFLESS.

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3094/oj